

Motivi u argumenti prinċipali

L-Artikolu 12(1) tad-direttiva jipprovdi, bħala regola ġenerali, li l-ispezzjonijiet isiru biss mill-ispetturi li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifikazzjoni speċifikati fl-Anness VII tagħha. Bħala eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali, il-paragrafu 5 ta' l-Anness VII jipprovdi li l-ispetturi li ma jissodisfawx il-kriterji imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 huma aċċettati wkoll jekk kienu diġà impjegati minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru għal kontroll portwali ta' l-Istat fid-data ta' l-adozzjoni tad-direttiva, jiġifieri fid-19 ta' Ġunju 1995.

L-Att ta' Adeżjoni ma jipprovdi ebda miżuri tranżitorji dwar l-applikazzjoni tad-direttiva fir-rigward ta' Malta. Skond l-Artikolu 2 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tad-direttiva jorbtu lil Malta mid-data ta' l-adeżjoni.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li r-Regolamenti dwar Merchant Shipping (Port State Control), 2004 (ir-“Regolamenti”), li ġew adottati minn Malta sabiex timplimenta d-direttiva, huma inkompatibbli mad-direttiva, flimkien ma' l-Att ta' l-Adeżjoni, safejn huma jipprovdu li spetturi li ma jissodisfawx il-kriterji tal-paragrafi 1 sa 4 ta' l-Anness VII tad-Direttiva huma aċċettati jekk kienu ġew impjegati minn awtorità kompetenti għal kontroll portwali ta' l-Istat bejn id-19 ta' Ġunju 1995 u d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti, jiġifieri, l-1 ta' Mejju 2004.

(¹) ĠU L 157, p. 1.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-11 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea

(Kawża C-269/06) (¹)

(2008/C 51/63)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 190, 12.8.2006.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ta' l-20 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-482/06) (¹)

(2008/C 51/64)

Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 326, 30.12.2006.

Digriet tal-President tat-Tmien Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' L-Ungerija

(Kawża C-30/07) (¹)

(2008/C 51/65)

Lingwa tal-kawża : L-Ungeriż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 69, 24.3.2007.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs L-Irlanda

(Kawża C-31/07) (¹)

(2008/C 51/66)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 56, 10.3.2007.